

32004R1496

25.8.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 275/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1496/2004**tat-18 ta' Awissu 2004****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 li jimponi dazju definittiv ta' anti-dumping fuq l-importazzjoni ta' fittings tat-tubi u l-pajpijiet li joriġinaw, inter alia, mit-Tajlandja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 ⁽¹⁾ dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjoni *dumped* minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ("ir-Regolament bażiku") u partikolarment l-Artikolu 11 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta sottomessa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA**1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri eżistenti**

- (1) Il-miżuri li huma korrentement fis-seħħ fuq l-importazzjoni ta' fittings tat-tubi u l-pajpijiet, tal-ħadid u ta' l-azzar li joriġinaw mit-Tajlandja għandhom dazju definittiv ta' *anti-dumping* impost oriġinarjament mir-Regolament Nru 584/96 ⁽²⁾, kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1592/2000 ⁽³⁾ u kkonfermat, wara investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza, mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 ⁽⁴⁾.
- (2) Il-miżuri applikabbli għal dawn l-importazzjonijiet jikkonsistu f'dazju *ad valorem*, minbarra għal żewġ produttori esportaturi Tajlandiżi li ġew aċċettati garanziji mingħandhom bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/252/KE ⁽⁵⁾, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/453/KE ⁽⁶⁾.

- (3) F'April 2001, il-Kummissjoni bdiet simultanament investigazzjoni ta' reviżjoni ta' skadenza ⁽⁷⁾ skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku u reviżjoni interim *ex officio* skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Ir-reviżjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku ġiet konkluzja mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 li jżomm fis-seħħ il-miżuri eżistenti. Madankollu, ir-reviżjoni interim, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, baqgħet miftuħa meta kienet konkluzja r-reviżjoni ta' skadenza.

2. Raġuni għar-reviżjoni

- (4) F'April 2001, il-Kummissjoni bdiet, minn jeddha, reviżjoni interim *ex officio*, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, sabiex teżamina kemm il-forma tal-miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' l-importazzjonijiet li joriġinaw mit-Tajlandja hi xierqa. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li nstabu problemi ta' l-infurzar waqt il-monitoraġġ tal-garanziji aċċettati minn żewġ esportaturi fit-Tajlandja, i.e. Awaji Sangyo (Thailand) Co., Ltd. u TTU Industrial Corp. Ltd. ("l-esportaturi kkonċernati"), b'konsewgenzi fuq l-effett ta' rimedju ta' dawn il-miżuri. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni limitata għall-forma tal-miżuri. Il-bidu tar-reviżjoni tħabbar fl-istess ħin mal-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza li biha ġew ikkonfermati l-miżuri eżistenti.
- (5) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-produtturi applikanti tal-Komunità, il-produtturi esportaturi fit-Tajlandja, l-importaturi/il-kummerċjanti, l-industriji utenti, u l-assoċjazzjonijiet ta' utenti magħrufa li huma kkonċernati, kif ukoll ir-rappreżentanti tal-Gvern Tajlandiż dwar il-bidu tar-reviżjoni. Il-Kummissjoni tat ukoll lill-partijiet direttament ikkonċernati l-opportunità li jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu għal smiġh.
- (6) Wara l-iżvelar tar-riżultati ta' l-investigazzjoni skond l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, produttur esportatur Tajlandiż, Awaji Sangyo (Thailand) Co., Ltd. ("l-applikant"), ippreżenta talba f'April 2002 għal reviżjoni

⁽¹⁾ ĠU L 56, tas-6.3.1996, p. 1, Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, tat-13.3.2004, p. 12.)

⁽²⁾ ĠU L 84, tat-3.4.1996, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 182, tal-21.7.2000, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 139, tas-6.6.2003, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 84, tat-3.4.1996, p. 46.

⁽⁶⁾ ĠU L 182, tal-21.7.2000, p. 25.

⁽⁷⁾ ĠU C 103, tat-3.4.2001, p. 5.

interim tal-miżuri ta' *anti-dumping* li huma applikabbli għalih, limitati għas-sitwazzjoni ta' *dumping* tiegħu, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Ir-rikjesta allegat illi ċirkostanzi mibdula ta' natura dejjiema wasslu għal valur normali li tnaqqas konsiderevolment, li b'hekk naqqas jew elimina d-*dumping*, b'mod li ma kienx aktar meħtieġ illi jkomplu jiġu imposti miżuri fil-livell eżistenti fir-rigward ta' l-importazzjonijiet tiegħu sabiex ipatti għad-*dumping*.

- (7) Wara li stabbiliet, wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv, li teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' reviżjoni interim, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta' bidu⁽¹⁾ u bdiet investigazzjoni.
- (8) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-applikant bil-bidu tar-reviżjoni interim limitata għad-*dumping* u tat lill-partijiet kollha kkonċernati l-opportunità li jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu għal smiġh. Il-Kummissjoni bagħtet ukoll kwestjonarju lill-applikant.
- (9) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat kull informazzjoni li qieset meħtieġa biex tistabbilixxi d-*dumping* u għamlet żjara ta' verifika fl-istabbiliment ta' l-applikant.
- (10) L-investigazzjoni limitata għad-*dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2002 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "il-PI").

B. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

Il-prodott ikkonċernat

- (11) Il-prodott ikkonċernat suġġett għar-reviżjonijiet interim huwa l-istess bħall-prodott ikkonċernat fl-investigazzjonijiet preċedenti i.e. *fittings* tat-tubi u l-pajpijiet (għajr *cast fittings*, flanġi, u *fittings* bil-kamin), tal-hadiid u ta' l-azzar (minbarra *stainless steel*), bl-ikbar diametru estern li ma jaqbiżx 609,6 mm, tat-tip użat għal *butt-welding* jew għal għanijiet oħra ("il-prodott ikkonċernat" jew "*fittings* tat-tubi jew tal-pajpijiet"), li joriġinaw mit-Tajlandja. Bħalissa, il-prodott huwa klassifikabbli fi ħdan il-kodiċi NM ex 7307 93 11 (Kodiċi Taric 7307 93 11 99), ex 7307 93 19 (Kodiċi Taric 7307 93 19 99) ex 7307 99 30 (Kodiċi Taric 7307 99 30 98) u ex 7307 99 90 (Kodiċi Taric 7307 99 90 98).

Prodott simili

- (12) Bħal fl-investigazzjonijiet ta' qabel, dawn l-investigazzjonijiet urew li l-*fittings* tat-tubi jew tal-pajpijiet tal-hadiid jew ta' l-azzar, prodotti fit-Tajlandja u mibjugħa domestikament u/jew esportati lill-Komunità għandhom l-istess karatteristiċi bażiċi kimiċi u fiżiċi bħal ma għandhom il-*fittings* tat-tubi u l-pajpijiet mibjugħa fil-Komunità mill-produtturi tal-Komunità, u għalhekk jitqiesu bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(14) tar-Regolament bażiku.

Ċ. ID-DUMPING FIR-RIGWARD TA' L-APPLIKANT

1. Valur normali

- (13) F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iffissar tal-valur normali, kien ġie stabbilit l-ewwel jekk il-bejgħ domestiku totali ta' l-applikant tal-prodott simili kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-bejgħ ta' l-esportazzjoni totali lill-Komunità. Bi qbil ma' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, instab li dan kien il-każ minħabba li l-volum ta' bejgħ domestiku ta' l-applikant kien jikkostitwixxi għallinqas 5 % tal-volum tal-bejgħ ta' l-esportazzjoni totali tiegħu lill-Komunità.
- (14) Ġie mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' l-applikant kienx rappreżentattiv biżżejjed għal kull wieħed mit-tipi tal-prodott esportati lill-Komunità. Dan kien meqjus bħala li kien il-każ meta, waqt l-IP, il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott irrappreżenta 5 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali ta' l-istess tip esportat lill-Komunità. Fuq din il-bażi, instab li l-bejgħ domestiku tal-prodotti kollha barra wieħed esportati lill-Komunità kien rappreżentattiv.
- (15) Sar wkoll eżami dwar jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' prodott setgħax jitqies li sar tul il-kors normali tal-kummerċ, billi jiġi stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ bi qliegħ lill-klijenti indipendenti tat-tip in kwistjoni. F'każijiet fejn il-volum ta' bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-kost ta' produzzjoni ikkalkulat għal kull unità, kien jirrappreżenta 80 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju peżat ta' dak it-tip kien indaqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni għal kull

(1) ĠU C 17, ta' l-24.1.2003, p. 2.

unità, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala medja peżata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu bi qliegħ ta' dak it-tip magħmul matul l-IP, irripettivament minn jekk il-bejgħ kienx bi qliegħ jew le. Fil-każijiet fejn il-valur ta' bejgħ bi qliegħ ta' tip ta' prodott irrapreżenta 80 % jeq anqas, imma għallinqas 10 % tal-volum tal-bejgħ totali, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, ikkalkulat bħala medja peżata ta' bejgħ domestiku bi qliegħ ta' dak it-tip biss.

(16) F'każi fejn il-volum ta' bejgħ bi qliegħ ta' kull tip ta' *fittings* kien jirrapreżenta inqas minn 10 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip fis-suq domestiku, għe kkunsidrat li dan it-tip partikolari kien inbiegħ fi kwantitajiet insuffiċjenti biex il-prezz domestiku jipprovdi bażi xierqa għall-iffissar tal-valur normali.

(3) Kullfejn ma setgħux jintużaw prezzijiet domestiċi ta' tip partikolari mibjugħ mill-applikant sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, metodu ieħor kellu jintuża. F'dan ir-rigward, fin-nuqqas ta' produtturi esportaturi oħra u ta' metodu raġjonevoli ieħor, il-valur normali kostrutt għe użat.

(18) Fil-każi kollha fejn il-valur normali kostrutt għe użat u skond l-Artikolu 2 (3) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għe kostrutt billi żdiedu, mal-kost tal-manifattura tat-tipi esportati, aġġustat fejn meħtieġ, ammont raġjonevoli għall-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") u marġni ta' qliegħ raġjonevoli. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-SG&A li saru u l-qliegħ tal-produttur esportatur ikkonċernat fuq is-suq domestiku kienux jikkostitwixxu *data* li wieħed jista' joqgħod fuqha. L-ispejjeż domestiċi attwali SG&A tqiesu raġjonevoli minħabba li l-volum ta' bejgħ domestiku tal-kumpanija kkonċernata seta' jitqies bħala rappreżentattiv. Il-marġni tal-qliegħ domestiku għe ddeterminat fuq il-baży tal-bejgħ domestiku li sar waqt il-kors normali tal-kummerċ.

2. Prezz ta' l-esportazzjoni

(19) Minħabba li l-bejgħ ta' l-esportazzjoni kollu tal-prodott ikkonċernat sar direttament lil klijent indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni għe stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-regolament bażiku fuq il-baży tal-prezzijiet li huma attwalment imħallsa jew pagabbli meta mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Komunità.

3. Tqabbil

(20) Għall-iskop ta' tqabbil ġust skond it-tip fuq baży *ex-factory* u fuq l-istess livell ta' negozju, ingħatat konsiderazzjoni debita għad-differenzi li għew ikklejmjati u li ntwerew li jaffettwaw it-tqabbil bejn il-prezz ta' l-esportazzjoni u l-valur normali. Dawn l-aġġustamenti saru fir-rigward ta' ħlasijiet fuq l-importazzjoni, skonti, trasport, assigurazzjoni, l-ispejjeż tal-*handling*, imballaġġ, kreditu u kummissjonijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

4. Marġni ta' dumping

(21) Biex tikkalkula l-marġni ta' *dumping*, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju meqjus mal-prezz ta' l-esportazzjoni medju meqjus għall-Komunità.

(22) It-tqabbil, kif deskritt fuq, wera l-eżistenza ta' *dumping* fil-każ ta' l-applikant. Il-marġni ta' *dumping* li għe stabbilit, espress bħala persentaġġ tal-valur CIF totali fuq il-livell fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas, kien ta' 7.4 %.

5. In-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdula u l-probabilità ta' rikorrenza ta' dumping

(23) Bi qbil mal-prassi normali tal-Kummissjoni, għe eżaminat jekk iċ-ċirkostanzi mibdula setgħux jiġu deskritti raġjonevolment bħala ta' natura dejjiema.

(24) Instab li ma kien hemm ebda raġuni għala wieħed jistenna li l-prezzijiet tal-bejgħ domestiċi u l-valur normali ma jibqgħux stabbli għall-futur prevedibbli.

(25) Il-Kummissjoni eżaminat l-iżvilupp possibbli tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni bħala konsegwenza ta' l-applikazzjoni ta' rata ta' dazju inqas. F'dan ir-rigward, tqies illi l-garanzija li kienet ġiet aċċettata fil-kwadru tal-proċediment oriġinali kellha l-effett li tillimita l-bejgħ ta' l-applikant lis-suq tal-Komunità. Kif imsemmi isfel fil-premessa (35), instab li din it-tip ta' garanzija ma kinitx aktar xierqa. Għe għalhekk eżaminat jekk il-bejgħ ta' l-esportazzjoni suġġett għal dazju inqas setax jikkawża żżjeda sinifikanti fl-importazzjoni lill-Komunità tal-prodott ikkonċernat li huwa prodott mill-applikant.

(26) L-investigazzjoni kixfet illi l-kapaċità ta' produzzjoni ta' l-applikant żdiedet sew minn żmien il-perjodu ta' l-investigazzjoni oriġinali u b'rata inqas tul l-aħħar tliet snin, filwaqt li r-rata tal-kapaċità ta' l-użu baqgħet qrib il-100 %.

(27) Madankollu, l-investigazzjoni wriet ukoll li l-kumpanija tesporta l-biċċa l-kbira mill-produzzjoni tagħha lejn swieq stabbiliti sew ta' pajjiżi terzi oħra. Fil-fatt, l-applikant esporta aktar minn 90 % tal-produzzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat waqt l-IP, kważi kollu kemm hu lil pajjiżi terzi oħra. L-esportazzjoni lil pajjiżi terzi oħra ttriplikat minn żmien il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u kompliet tiżdied tul l-aħħar tliet snin. Ġie wkoll stabbilit illi l-esportazzjonijiet lil pajjiżi terzi oħra nbiegħu bi prezzijiet li kienu madwar 25 % ogħla minn dawk tal-KE.

(28) Minħabba li l-applikant ma tantx għandu kapaċità żejda, li tista' tintuża sabiex iżżid il-bejgħ lill-Komunità li kieku l-miżuri ta' *anti-dumping* jitnaqqsu, is-sejbiet imsemmija hawn fuq, inklużi dwak li għandhom x'jaqsmu ma' l-esportazzjonijiet lil pajjiżi terzi, u partikolarment il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni lil dawn il-pajjiżi, jitqiesu bħala evidenza li x'aktarx mhuwiex se jkun hemm, fil-ġejjieni prevedibbli, rikorrenza ta' importazzjonijiet li jun l-oġġett ta' *dumping* flivelli simili għal dawk li ġew stabbiliti fl-investigazzjoni preċedenti.

(29) Qed jiġi għalhekk konkluż li ċ-ċirkostanzi mibdula, partikolarment il-valur normali mnaqqas konsiderevolment, huma ta' natura dejjiema. Fid-dawl tal-livell imnaqqas ta' *dumping*, huwa għalhekk meqjus xieraq li jiġu emendati l-miżuri f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikant.

6. Konklużjonijiet

(30) Skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, l-ammont ta' dazju ta' *anti-dumping* m'għandux jaqbeż il-marġni tad-*dumping* stabbilit, iżda għandu jkun inqas minn dak il-marġni jekk tali dazju inqas ikun biżżejjed biex jelimina l-ħsara ta' l-industrija Komunitarja. Minħabba li d-dazju għall-applikant kien ġie kkalkulat fuq il-bażi tal-marġni ta' *dumping*, id-dazju għandu jiġi aġġustat għall-marġni tad-*dumping* aktar baxx misjub fl-investigazzjoni, jiġifieri ta' 7.4 %.

(31) Minn dan, isegwi għalhekk li, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-applikant, id-dazju ta' *anti-dumping* oriġinarjament impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 584/96 u kkonfermat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 għandu jiġi emendat.

(32) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom kien maħsub li jiġi rakkomandat li d-dazju ta' *anti-dumping* impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 jiġi emendat fir-rigward ta' l-applikant.

D. REVIŻJONI INTERIM LIMITATA GĦALL-FORMA TAL-MIŻURI

(33) Il-garanziji li kienu ġew oriġinarjament aċċettati miż-żewġ esportaturi kkonċernati kienu essenzjalment garanziji kwantitattivi li skondhom il-kumpaniji impenjaw irwieħhom li jiżguraw li l-esportazzjonijiet tagħhom lill-Komunità jseħħu fi ħdan limitu ta' volum kompleksiv.

(34) Bi qbil ma' l-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku, il-għan tal-garanziji kien li jkun eliminat l-effett ta' ħsara ta' importazzjonijiet li huma oġġett ta' *dumping*, li jinkiseb billi l-esportatur jgħolli l-prezzijiet tiegħu jew inkella jtemm l-importazzjonijiet flivelli ta' prezzijiet *dumped*. L-investigazzjonijiet urew li t-tip ta' garanziji oriġinarjament aċċettati fil-każ preżenti fl-1996, li sempliċement illimitaw il-*kwantità* ta' l-importazzjonijiet fil-Komunità, ma rnexxielhomx jgħollu l-prezzijiet għallivelli li mhumix ta' ħsara u għalhekk ireġġgħu fis-seħħ il-kummerċ ġust fis-suq Komunitarju. F'dan il-każ, għalhekk, il-garanziji fil-forma preżenti tagħhom mhumix meqjusa bħala mezzi xierqa u effettivi biex jeliminaw l-effett ta' ħsara ta' *dumping*. Barra minn hekk, il-Kummissjoni mhix f'pożizzjoni li tikkontrolla effettivament jekk il-*kwantitajiet* esportati humiex limitati għal dawk speċifikati fil-garanziji.

(35) Ġie għalhekk konkluż illi l-garanziji fis-seħħ ma għadhomx xierqa aktar.

(36) Il-partijiet interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali kollha li wasslu għal din il-konklużjoni.

E. MIŻURI PROPOSTI

(37) Il-miżura ta' *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti *fittings* tat-tubi jew tal-pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, li joriġinaw, *inter alia*, fit-Tajlandja kif ikkonfermat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru

964/2003, għandhom jiġu emendati fir-rigward ta' (i) l-applikant fid-dawl tal-marġni ta' *dumping* aktar baxx li nstab fl-investigazzjoni u (ii) l-esportaturi kkonċernati fid-dawl tas-sejbiet tar-reviżjoni interim limitata għall-forma ta' dawn il-miżuri.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-rata tad-dazju definittiv ta' *anti-dumping* applikabbli għall-prezz nett, ħieles fuq il-fruntiera tal-Komunità, qabel id-dazju, għandu jkun kif ġej għall-prodotti manifatturati minn:

Pajjiż	Rata ta' dazju	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina	58,6 %	—
It-Tajlandja	58,9 %	A 999
Minbarra: Awaji Sangyo (Thailand) Co., Ltd., Samutprakarn	7,4 %	8850
Thai Benkan Co. Ltd, Prapadaeng-Samutprakarn	0 %	A 118”

2. L-Artikolu 1(3) u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003 għandu jiġi rrevokat.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-18 ta' Awissu 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. BOT